ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 03** **L-ERBGĦA, 2 TA' SETTEMBRU 2019**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar It-Tnejn, 5 ta' Settembru 2019, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku),
Josef Masini Vento (Viċi Sindku),
Jerome Caruana Cilia (Kunsillier),
Ralph Puli (Kunsillier),
Charlie Cuschieri (Kunsillier),
Daniel Ablett (Kunsillier),
Marvin Zammit (Kunsillier),
Sean Apap Meli (Kunsillier),
Martina Grech (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Donnha Barbara (Kunsillier),
George Muscat (Kunsillier),

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**03/01** **QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**03/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-ittri ta' apoloġija ppreżentati mill-Kunsilliera Donnha Barbara u George Muscat rispettivament.

Il-Kunsill qabel li l-assenza hija ġustifikata u għaldaqstant approva l-ittri ta' apoloġija tal-kunsilliera Donnha Barbara u George Muscat.

**03/02/01** **KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 02**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 02 li nżammet nhar l-Erbgħa, 5 ta' Awwissu 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** talab korrezzjoni tal-Minuti kif ġej:

*"Il-kunsillier Sean Apap Meli ppreżenta r-riżenja mir-responsabbilita' tal-infurzar liema rizenja minn tali responsabbilita' ma ġietx aċċetta minħabba li s-Sindku fi zmien xahar kellu jaghmel tentattiv sabiex jigu accettati lmenti mill-kunsillier imsemmi lill-pulizija.*

*Fid-dawl li dan ma jsirx ir-responsabbilita tal-infurzar ma tibqax tal-kunsillier dr. sean apap meli".*

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li hu qatt ma qal li se jagħmel tentattiv biex jiġu aċċettati lmenti mill-Kunsillier imsemmi lill-Pulizija, iżda li kull kunsillier għandu dritt iressaq ilmenti bħala ċittadin.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.

**Ivvutaw Favur Disgħa Kunsilliera (9**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**03/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**03/03/01** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li nżammet il-laqgħa mal-Management ta' Centerparc fejn wara spjega tal-proġett ġie maqbul li l-Kunsill joħroġ No Objection għat-tibdil fis-Central Local Plan, bil-kundizzjonijiet li ġejjin;

1. Li l-bini ma jtellifx il-viżwal tal-entratura ta' Ħal Qormi
   u
2. Li terġa' tinbena l-binja l-antika, liema binja għandha tiġi mgħoddija lill-Kunsill għall-użu minnu.

**03/03/02** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li l-Kunsill irċieva tlett stimi għal Marketing Campaign.

Wara diskussjoni mill-membri, l-Kunsill approva li dan ix-xogħol jingħata lil Kumpanija Fine Line għal prezz ta' €4,300 exc. VAT fis-sena.

**Il-Kunsill** approva din il-proposta unanimament.

**03/03/03** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma ġie avviċinat mill-FKNK fejn qed jipproponu li jidħlu fi ftehim mal-Kunsill permezz ta' Memorandum of Understanding dwar proġett soċjo-edukattiv fil-lokalita'. Is-Sindku Renald Falzon spjega li din il-federazzjoni qed tipproponi li tinstalla guva fi ġnien pubbliku b'għasafar tal-għana. Is-Sindku propona li din il-guva ssir fi Pjazza Federico Maempel.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa min se jkun responsabbli għaż-żamma ta' dawn l-għasafar?

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni li jaf ikun hemm xi residenti li joġġezzjonaw minħabba l-għana tal-għasafar.

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li se jkun qed jiddiskuti fid-dettal din il-proposta u jinfurma lill-membri.

**03/03/04** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li qed tintalab *letter of intent* minn Kumpanija privata li rebħet fondi mill-Ministeru għall-Infrastruttura u Transport. Is-Sindku ppreżenta l-proġett approvat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li tinħareġ il-letter of intent mitluba.

**Il-Viċi Sindku Josef Masini Vento, daħal għal-laqgħa (19:30)**

## 03/04 TENDERS

**03/04/01** Is-Sindku Renald Falzon infurma li nħarġet it-tender għall-Upkeep & Maintanance of Parks and Gardens, liema tender preżenti tiskadi fl-aħħar tas-sena.

**03/04/02** Is-Sindku Renald Falzon infurma li t-tender għal Contract Manager għandha titwaqqaf, wara li nħarġet Direttiva 03/19, fejn il-Kunsilli ngħataw l-opportunita' li l-Contract Manager jiġi mpjegat direttament mal-Kunsill u mhux jingħata tender għal dan is-servizz. Is-Sindku spjega li b'hekk il-Kunsill ikollu persuna tminn siegħat ad dispożizzjoni tiegħu fejn filgħodu jkun fit-toroq tal-lokal, jara li s-servizzi qed jingħataw mill-kuntratturi u wara nofsinhar jagħmel ix-xogħol meħtieġ, mill-uffiċċju.

Is-Sindku Renald Falzon infurma li għat-tlett xhur li ġejjin dan ix-xogħol se jkun qed isir minn wieħed mill-impjegati tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

**03/05** **Vacancy għal Skrivan mal-Kunsill Lokali**

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li nħarġet sejħa għal skrivan mal-Kunsill Lokali.

**Is-Sindku Renald Falzon** ippropona li l-bord tal-għażla jkun iffurmat minn dawn il-membri;

Sindku bħala Chairman, Viċi Sindku Josef Masini Vento u l-Kunsillier Jerome Caruana Cilia bħala membri. Il-Kunsillier Ralph Puli ġie nominat bħala sostitut.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-bord tal-għażla.

**03/06** **MOZZJONIJIET**

**03/06/01** **Mozzjoni Nru 10 mressqa mill-Kunsillier Carmelo Cuschieri**

*Il-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri kwalita' ta' ħajja aħjar lill-familji, tfal, żgħażagħ u anzjani residenti f'Ħal Qormi. Fil-mument meta tagħmel ix-xita r-residenti ta' Triq id-Dragun, Misraħ Ġuże Flores, Triq G. Schembri, Triq Pinto, Triq ix-Xitwa, Triq il-Ħammieri u Triq Cappadocia qegħdin ibatu minħabba l-fatt li ma jkunux jistgħu joħorġu minn djarhom minħabba l-kwantita' ta' ilma. Nipproponi li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi jibda l-proċess biex flimkien mal-awtoritajiet responsabbli jsiru żewġ culverts; wieħed li jgħaqqad Triq id-Dragun ma' Triq il-Ħelsien u lieħor li jiġi minn Triq G. Schembri u Misraħ Guże Flores, Triq Pinto n-naħa t'isfel u li tgħaqqad ma' Triq ix-Xitwa għal Triq il-Ħammieri. B'hekk inkomplu ntejbu s-sigurta' u l-kwalita' tal-ħajja tar-residenti tagħna.*

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur **Disgħa kunsilliera** (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni 10/2019 (VIII)

**03/06/02** **Mozzjoni nru 11 mressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Id-dmirijiet u l-ħidma ta' Ms. Nicole Farrugia minn Marzu ta' 2019 sal-lum jinkludu fost l-oħrajn fil-Customer Relations b'referenza għall-ilmenti li jitressqu, problemi kollha marbutin mal-ħruġ ta' permessi, flimkien mar-responsabbilta' tat-tiġdid tal-ħlas talliċenzji tal-ħwienet, tal-ħlasijiet taċ-ċitazzjonijiet u tas-sistema tal-LES, kif ukoll għallħlasijiet tal-Kirjiet, fejn hi, minkejja l-perijodu qasir li ilha taħdem fil-Kunsill, tiżvolgi blaħjar mod effiċenti kif mitlub f'dan l-uffiċċju. Dan minbarra xogħol ieħor ta' attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill, minn żmien għal żmien. Wara li kellna riżenja ta' waħda mill-impjegati, Ms Farrugia, ingħatat ir-responsabblita tal-ilmenti u komunikazzjoni mad-Dipartimenti, fejn tirreferili l-ħidma ta' kuljum, speċjalment dawk il-problemi li jirrikjedu aktar ħidma jew informazzjoni oħra. Nicole hija persuna affidabbli ħafna u ftit li xejn tibża mill-piż tax-xogħol li tingħata. Barra minn hekk taf sewwa li kull ħaġa li

tintalab tagħmel għall-Kunsill, minn kulħadd, dan tagħmlu, ħafna drabi mingħajr każ li mimlija xogħol. Hija responsabbli f'kull ħaġa li titqabbad tagħmel. Għalhekk fid-dawl taż-żieda ta' dawn ir-responsabbilitajiet nissuġġerixxi li Ms Nicole Farrugia tinħatar Executive Officer fi skala 13, bir-responsabbilitajiet kollha preżenti, u b'mod partikulari fil-qasam tal-Customer Care Office li tiegħu se tkun responsabbli. Nissuġġerixxi wkoll li dan isir mill-1 ta' Ottubru 2019.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur **Disgħa kunsilliera** (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni 11/2019 (VIII)

**03/06/03 Mozzjoni Nru 12 /2019 mressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Nipproponi li l-Kunsill jibda' diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex Triq il-Belt Valletta, wara l-kappella tal-Madonna tal-Blat, issir One-Way bejn il-ħinijiet tas7.00a.m. u d-9.00a.m. Iggifieri jithallew jitilghu biss dawk il-vetturi li jkunu sejrin li triq San Gwakkin. Dan għandu jintalab sabiex ikun hemm flow aħjar tat-traffiku matul il-ħinijiet ta' filgħodu, fil-lokalita', invista wkoll ta' l-izvilupp li se jkun hemm fl-inhawi minn Triq Lapsi sa F Zammit Nursery.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur **Disgħa kunsilliera** (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni 12/2019 (VIII).

**03/06/04 Mozzjoni Nru 13/2019 mressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Minħabba l-fatt li din is-sena, l-elezzjoni ħabtet eżatt f'Jum Ħal Qormi u għaldaqstant l-attivitajiet marbuta ma din il-ġurnata ma sarux.

Nipproponi li s-Serata Ġieħ Ħal Qormi tinżamm nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Ottubru 2019, fejn matul din is-serata jingħataw l-unuri 'Għarfien il-Ħila' u l-Unur Ġieħ Ħal Qormi.

Nipproponi wkoll li l-Ex Sindku u l-Kunsilliera li ħadmu fil-Kunsill preċedenti u li m'ghadhomx jiffurmaw parti mill-Kunsill Lokali jinghataw Għarfien il-Ħila – Servizz lill-Kunsill.

Is-Sindku ħeġġeġ lil membri jippreparaw in-nomina ta' persuna għall-unuri Għarfien il-Ħila sabiex jiġu diskussi fis-seduta li jmiss.

Ivvutaw Favur **Disgħa kunsilliera** (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni 13/2019 (VIII).

**03/07 Skeda ta' Pagamenti**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju .

**Il-Viċi Sindku Josef Masini Vento** ppropona l-approvazzjoni tal-iskedi.

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** ssekonda**.**

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu.

**03/08 Korrispondenza**

**03.08.01 One Way System – Triq San Franġisk**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda numru ta' ittra mibgħuta mir-residenti ta' Triq San Franġisk fejn qed joġġezzjonaw li Triq San Franġisk issir One-Way.

**Is-Sindku Renald Falzon** ippropona li ssir laqgħa mar-residenti dwar din il-proposta u jekk ma jkunx hemm qbil, kollox jibqa' kif inhu.

**03.09 Ilmenti u Suġġerimenti**

**03.09.01** **Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Ġdida, taħt il-kurduni li saru mill-Kunsill hemm it-tarmac imkiser u jeħtieġ li ssir manutenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit tal-Kunsill se tkun qed tiddiskuti mal-kuntrattur responsabbli sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

**03.09.02** **Il-Kunsillier Martina Grech** ipproponiet li tinħoloq Forum Page fuq il-media soċjali għaż-żgħażagħ.

**03.09.03** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li qed jirċievi bosta lmenti dwar ġrieden fi Triq Ġuże Maria Camilleri

**03.09.04** **Il-Kunsillier Sean Apap Meli** nfurma li r-residenti ta' Triq Ġuże Maria Camilleri tant huma frustrati bis-sitwazzjoni ta' ħmieġ li hemm fit-triq tagħhom li qed jipproponu li jagħmlu tindif huma stess.

**03.09.05** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li bħalissa qed issir reviżjoni tal-kuntratti mal-baned lokali.

**03.10 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:30 ta' fil-għaxija.

**IFFIRMATI**
Renald Falzon
Sindku

**IFFIRMATI**
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum 25 ta’ Settembru 2019.